

#EUDefence: Lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża

LEJN UNJONI AKTAR MAGĦQUDA, AKTAR QAWWIJA U AKTAR DEMOKRATIKA



“Fi kwistjonijiet tad-difiża, l-Unjoni Ewropea mhijiex se titwaqqaf bħala mudell alternattiv għan-NATO. It-tnejn li huma jridu jaħdmu flimkien u jikkooperaw. Fis-settur tad-difiża jrid ikollna kooperazzjoni msaħħa prevista wkoll mit-Trattat ta' Lisbona. Rigward l-akkwist, b'mod partikulari, jeħtieġ li naħdmu aktar flimkien milli kontra xulxin, biex niksbu dak li neħtieġu t-tnejn li aħna.”

Jean-Claude Juncker, il-Kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea, il-15 ta' Lulju 2014

Illum, garanzija tas-sigurtà tfisser li t-theddid li jmur lil hinn mill-fruntieri jiġi indirizzat. L-ebda pajjiż ma jista' jindirizzahom waħdu. Iċ-ċittadini tal-UE jdurru lejn l-Unjoni Ewropea biex tiproteġihom, bi tlieta minn kull erbgħa favur Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni fost l-Istati Membri tal-UE (l-Ewrobarometru, April 2017). F'dawn l-aħħar tliet snin sar aktar rigward il-politika ta' difiża Ewropea milli f'deċennji preċedenti.



Tliet kwarti mill-Ewropej iridu Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

UNJONI EWROPEA LI TIDDEFENDI U TIPPROTEĠI LIĊ-ĊITTADINI TAGĦHA

Wara proposti mill-Kummissjoni Ewropea, f'Diċembru 2016 il-Mexxejja tal-UE qablu fuq pjan li japprofondixxi l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża tal-UE, bi tliet prijoritajiet:

- **il-protezzjoni** tal-UE u taċ-ċittadini tagħna
- **ir-reazzjoni** għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni
- **it-tisħiħ** tal-kapaċitajiet ta' sħabna



L-UE nediet **Fond Ewropew għad-Difiża** komuni biex tiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp konġunti.



L-UE nediet **il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti** tnediet għall-Istati Membri biex ifittxu aktar kooperazzjoni fid-difiża u fis-sigurtà.



L-UE żiedet **il-kooperazzjoni man-NATO** għal livell bla preċedenti.

SE JINTEFQU €1.5 BILJUN FIR-RIĊERKA U FIL-KAPAĊITÀ TA' DIFIŻA TAL-UE




- Il-Fond Ewropew għad-Difiża m'ħabbar mill-President Juncker u mniedi f'Ġunju 2017 jipromwovi l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u jiffranka spejjeż għar-riċerka, għall-iżvilupp u l-akkwist konġunti ta' teknoloġija u tagħmir tad-difiża tal-ogħla żvilupp tekniku.
- Mill-2017, **għall-ewwel darba** l-UE toffri **għotjiet għal proġetti ta' riċerka kollaborattiva** fl-oqsma ta' droni, previżjoni teknoloġika strateġika u protezzjoni u tagħmir tas-suldati. Se jiġu allokati €90 miljun għal għotjiet ta' riċerka għad-difiża għall-2017-2019, iffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE.
- B'dan il-programm, l-UE se toħloq inċentivi biex l-Istati Membri **jikkooperaw fuq żvilupp konġunt ta' tagħmir u teknoloġija ta' difiża** permezz ta' kofinanzjament mill-baġit tal-UE (€500 miljun għall-2019 u l-2020).
- **Proġetti ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti jistgħu jkunu eliġibbli għal rata ogħla ta' kofinanzjament mal-UE (30 % minflok 20 %).**


ŻIEDA FL-AWTONOMIJA U FIL-PRESTAZZJONI

Kien hemm qbil bejn 25 Stat Membru biex jikkollaboraw dwar kapaċitajiet ta' difiża

- Il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti se tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw b'mod konġunt kapaċitajiet ta' difiża u jagħmluhom disponibbli għal operazzjonijiet militari tal-UE, b'hekk issaħħaħ il-kapaċità tal-UE bħala sieħba fis-sigurtà interna u timmassimizza l-effettività tal-infiq għad-difiża.
- Intlaħaq ftehim dwar 17-il proġett kollaborattiv f'oqsma bħall-kmand mediku tal-UE, il-mobbiltà militari, is-sorveljanza marittima u ċ-ċibersigurtà.



Hemm 25 Stat Membru fil-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti



TISĦIĦ TAL-KOOPERAZZJONI MAS-SĦAB GLOBALI

Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO

Fit-8 ta' Lulju 2016, il-Presidenti Juncker u Tusk u s-Segretarju Ġenerali tan-Nato Stoltenberg iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta biex jagħtu spinta u sustanza ġodda lis-**sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO**, li tiddeskrivi **seba' oqsma konkreti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni**. Il-kooperazzjoni saret waħda min-normi stabbiliti bħala segwitu dirett għal-livell ġdid ta' ambizzjoni deskritt fid-Dikjarazzjoni Konġunta.



Summit (tan-NATO), Varsavja
08-09/07/2016



Reazzjoni kontra t-theddud ibridi



Kooperazzjoni operazzjonali inkluż fil-baħar u fuq il-migrazzjoni



Ċibersigurtà u difiża



Kapaċitajiet ta' difiża



Industrija tad-difiża u riċerka



Eżerċizzji



Appoġġ għall-isforzi ta' bini ta' kapaċità tas-sħab tal-Lvant u tan-Nofsinhar

Bħalissa għaddejjin

74

azzjoni konkreta

NFIQ AKTAR EFFIĊJENTI



In-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà huwa stmat li **jiswa bejn €25 biljun u €100 biljun** fis-sena¹. Il-Fond Ewropew għad-Difiża se **jgħin lill-Istati Membri jonfqu flus il-kontribwenti b'mod aktar effiċjenti u jgħibu valur aħjar** għall-investiment tagħhom. Se joffri kofinanzjament lill-UE u jgħin lill-Istati Membri jsibu l-aktar arranġamenti finanzjarji xierqa għal akkwisti konġunti. Diġà ġew impenjati €25 miljun għall-2017.



Kooperazzjoni msaħħa permezz tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti se **ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali** fost l-Istati Membri. Attwalment, madwar 80 % tal-akkwist fil-qasam tad-difiża jitmexxa fuq bażi purament nazzjonali, u dan iwassal għal duplikazzjoni għalja tal-kapaċitajiet militari².



Mill-2010, kull sena ntefqu inqas minn €200 miljun fis-sena fuq riċerka u teknoloġija kollaborattivi Ewropej fil-qasam tad-difiża. Il-Fond Ewropew għad-Difiża aktar milli se jittripla din iċ-ċifra mill-2020 'il quddiem, għal aktar minn **€500 miljun** fis-sena.

⁽¹⁾ (EPRS, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew), il-Parlament Ewropew, 2013

⁽²⁾ Ir-Rapport ta' Munich dwar is-Sigurtà, 2017

PROĠETTI TA' RIĊERKA LI DIĠÀ GĦADDEJJIN

PYTHIA

Proġett li għandu l-għan li jidentifika **xejriet ewlenin** fid-dinja li qed tevolvi malajr ta' **teknoloġiji innovattivi tad-difiża**, li se jitmexxa b'konsorzju, immexxi minn Ingegneria Informatica S.p.A.

Stati Membri parteċipanti:

il-Bulgarija, Franza, l-Italja, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

Sħab fl-industrija u r-riċerka:

Engineering Ingegneria Informatica S.p.A. ENG, Zanasi & Partners Z&P, Expert System France ESF, Hawk Associates Ltd HAWK, l-Università Militari tat-Teknoloġija WAT, l-Istitut Bulgaru tad-Difiża BDI, Fondazione ICSA, u l-Università Nazzjonali tad-Difiża NDU.

GOSSRA

Proġett iffukat fuq l-iżgurar li elementi tas-sistema kumplessi milbusa minn suldati (pereżempju sensuri jew nuċċalijiet protettivi diġitali) jistgħu jaħdmu flimkien, u jispeċifika kif il-komponenti jikkollegaw u jagħmluha aktar faċli biex **jiġu żviluppati strumenti ġodda** li jistgħu jaħdmu ma' tagħmir eżistenti.

Stati Membri parteċipanti:

il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja.

Sħab fl-industrija u r-riċerka:

Rheinmetall, Indra, GMV aerospace and defence, Leonardo, Larimart u Saab; l-SMEs Tekever u iTTI, Nederlandse Organisatie voor Toegepast Natuurwetenschappelijk Onderzoek (TNO).

Vestlife

Proġett biex jinħoloq **ilbies protettiv għas-suldati**. Se jiżviluppa lbies li jkun effettiv għall-finijiet tad-difiża, iżda li fl-istess ħin ikun eħfef, aktar flessibbli u aktar komdu.

Stati Membri parteċipanti:

il-Finlandja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja.

Sħab fl-industrija u r-riċerka:

CITEVE, FY-composites, AITEX u TECNALIA.

Ocean 2020

Proġett biex jissaħħaħ **l-għarfien tas-sitwazzjoni f'ambjent marittimu** billi jintużaw sistemi b'ekwipaġġ u mingħajru, li se jitmexxa minn konsorzju mmexxi minn Leonardo S.p.A.

Stati Membri parteċipanti:

l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Sħab fl-industrija u r-riċerka:

Indra, Safran, Saab, MBDA, PGZ/CTM Hensoldt, Intracom-IDE, Fincantieri u Qinetiq, Fraunhofer, in-Nederlandse Organisatie voor Toegepast Natuurwetenschappelijk Onderzoek (TNO), iċ-Ċentru għar-Riċerka Marittima u l-Ispertimentazzjoni (CMRE NATO) u l-Istituto Affari Internazionali (IAI) Taljan.

ACAMSII

Proġett biex jiġi żviluppata **kamuflaġ adattiv li jiproteġi lis-suldati** mis-sensuri li joperaw f'għadd ta' meded tal-frekwenza.

Stati Membri parteċipanti:

Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Iżvezja.

Sħab fl-industrija u r-riċerka:

CITEVE, Damel u Safran, Totalförsvarets forskningsinstitut (FOI), Fraunhofer, u n-Nederlandse Organisatie voor Toegepast Natuurwetenschappelijk Onderzoek (TNO).